MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 370/2004

**Medserv Limited (C2971)**

**vs**

**George Attard**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM1,725.00,0) hlas dovut lis-socjeta' attrici ta' servizzi ta' rmigg ghall-yacht Princess Duda, f'Manoel Island, u ta' servizzi ohra moghtijin mis-socjeta' attrici;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-2 ta' Novembru tas-sena 2004 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------